KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 26**

**L-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

**26.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**26.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**26.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**26.01.03** Il-Kunsillier Darren Mark Debono infurmana li se jkun qed jidħol aktar tard.

**26.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 25)**

**26.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 25.

**26.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 25 ġew approvati unanimament.

**26.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**26.03.01** *Kordinazzjoni - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet marbuta ma' Festa Bengħajsa. Inġabru 3 kwotazzjonijiet għall-kordinazzjoni ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €4,130. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**26.03.02** *Midja soċjali – Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebu 3 kwotazzjonijiet biex isir il-marketing u r-riklamar għal fuq il-midja soċjali relatat ma' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €3,900. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**26.03.03** *Stampar tal-fuljett tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li dis-sena se jkun qed jerġa' joħroġ il-fuljett bil-ġabra tax-xogħol tal-Kunsill. Inġabru 3 kwotazzjonijiet għall-istampar. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,522.50. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**26.03.04** *Tqassim tal-fuljett tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill talab għal 3 kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tqassim tal-fuljett tal-Kunsill, iżda daħlet 1 biss. Il-kwotazzjoni tammonta għal €196. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**26.03.05** *Copperfield bins*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn jinxtraw 10 Copperfield bins sabiex jitpoġġew fejn hemm il-bżonn madwar ir-raħal u għalhekk inġiebu 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €259.27 għal kull bin. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**26.03.06** *Tibdil ta' bibien - ta' barra u tas-sala tal-komunità*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-bibien ta' barra u tas-sala tal-komunità, li issa se tkun qed tiġi utilizzata mis-servizz.gov, se jinbidlu. Fakkar ukoll li t-3 kwotazzjonijiet li nġabru ġew iċċirkulati permezz t'email fejn ġiet approvata l-orħos kwotazzjoni; dik A, li tammonta għal €2,513. Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm żieda ta' madwar €400 billi żdiedu xi

affarijiet, bħal pum twil biex ikun aċċessibbli għal kulħadd, fost oħrajn. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 26.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**26.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament fuq l-issue tal-kontroll tal-ħamiem. Semma li l-Gvern ftit tal-jiem ilu ħabbar il-policy tas-sistema l-ġdida fir-rigward tal-problema tal-ħamiem fil-lokalitajiet. Il-proċess se jkun qed jiġi mħaddem min-naħa tal-Awtorità tas-Saħħa Pubblika fejn se jkun hemm numru ta' gaġeġ imferrxin mal-lokalità sabiex il-ħamiem jinġabar fihom. Is-Sindku Scott Camilleri semma li min-naħa tiegħu diġà kkomunika mal-awtorità sabiex ningħataw data dwar meta dan il-proċess se jibda. Fost is-siti li l-Kunsill identifika hemm fejn il-knisja u Triq San Patrizju. Il-Kunsill Lokali se jkun qed joħroġ sejħa lill-pubbliku biex jidentifika postijiet u żoni pubbliċi l-iżjed milquta.

**26.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-monument ta' Bush u Gorbachev se jkun qed isirlu restawr minn Heritage Malta. Din l-entità talbet għal permess ta' scaffolding u dan ix-xogħol għandu jitlesta fi żmien ġimagħtejn. Il-Kunsill approva din it-talba.

**26.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-proġett tal-Qajjenza fejn semma li nqala' l-ħadid u qiegħed fil-proċess tal-galvanizzar. Semma wkoll li kellna napplikaw mill-ġdid għal numru ta' permessi fejn jidħlu road work permits minħabba l-ispeed humps peress li se tintmess it-triq. Il-Kunsill qed jistenna min-naħa ta' TM għall-approvazzjoni sabiex il-kuntrattur tagħna ikun jista' jkompli. Dan il-proġett mistenni jingħalaq sal-aħħar ta' Mejju.

**26.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol mis-servizz.gov miexi sew u mistenni li s-servizz jibda jingħata mit-tieni ġimgħa ta' Marzu. Semma wkoll li talab għal-lista ta' servizzi li se jkunu qed jiġu offruti sabiex il-Kunsill ikun jista' jippubblikaha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn jixtiequ jiddiskutu ma' TM sabiex servizzi relatati ma' din l-entità, bħal tiġdid ta' liċenzji, etċ. jibdew jiġu offruti minn hemm ukoll.

**26.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar is-servizz ta' tiġdid tal-karti tal-identità mil-lokalitajiet. Semma li dan it-tiġdid jista' jsir mill-Kunsill bejn il-11 u l-14 ta' Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dan is-servizz se jkun għal tiġdid biss u mhux biex wieħed jagħmel xi tibdil ta' informazzjoni.

**26.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-jum ta' qabel irċieva rispons fuq il-laqgħa li saret dwar il-car park tal-Freeport. Min-naħa tal-ministeru u l-Freeport Malta Corporation aċċettaw li jieħdu f'idejhom l-ispejjeż operattivi relatati mal-car park. Dan il-car park se jkun miftuħ bla ħlas għar-residenti ta' Birżebbuġa matul il-ġurnata kollha. L-obbligu tal-Kunsill se jkun li jieħu ħsieb is-sistema tal-qari tal-pjanċi tal-karozzi (number plate readings), fejn se tinġabar id-data tan-nies u tiddaħħal fis-sistema sabiex il-kamera tkun tista' tidentifika l-karozzi tar-residenti. Min ma jkunx imdaħħal fis-sistema jrid iħallas.

*Hawnhekk ingħaqad il-Kunsillier Darren Mark Debono.*

## 26.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**26.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar is-siġar fi Triq Żaren Dalli. Huwa semma li s-siġar tal-qsari li baqgħu fi Triq Żaren Dalli jinsabu fi stat ta' abbandun. Jifhem li hemm pjanijiet għal din iż-żona, li probabbilment ma jinkludux dawn il-qsari. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistax jinstab post ieħor u jiġi żgurat li dawn qed jiġu msaqqija. U jekk m'hemmx aktar bżonnhom, jistgħux jiġu miżrugħin f'postijiet oħra fir-raħal. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsilliera Maria Mifsud qed tikkordina ma' Project Green.

**26.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-pont tax-Shell. Huwa semma li bħal daż-żmien sena, waqt laqgħa tal-Kunsill saret preżentazzjoni dwar il-proġett tal-pont tax-Shell, li wara kienet segwita b'laqgħa pubblika, iżda minn dakinhar il-kunsilliera ma semgħu xejn iktar dwar dan il-proġett. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħid jekk semax xi ħaġa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s'issa ma rċivejna xejn u għadna qed nistennew minn Project Green.

**26.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar it-tankijiet tax-Shell. Huwa semma li fil-ġranet li għaddew reġgħet qamet l-applikazzjoni PA/03829/16, li tittratta t-tneħħija tat-tankijiet tax-Shell. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħid jekk jafx f'liema fażi wasal dan il-proċess u x'inhuma t-timelines tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hu flimkien mar-rappreżentant tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea, dalgħodu attendew għal laqgħa mal-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-proposta: li jiġi żarmat u mwaqqa' l-old oil depot tal-installazzjoni tal-31 ta' Marzu f'Birżebbuġa. Il-Kunsill ilu mill-bidu tal-proċess ta' din l-applikazzjoni jsegwi mill-qrib l-iżviluppi relatati magħha. Illum ġie approvat il-permess għaż-żarmar tal-installazzjoni tal-31 ta' Marzu 1979, fejn il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa vvota favur dan il-permess u t-tneħħija ta' dawn l-istrutturi. Dan il-permess ġie approvat bil-kundizzjoni li tingħata l-approvazzjoni finali minn TM. L-applikant, il-kumpanija Enemalta, ippreżenta wkoll pjanti ġodda fejn qed jiġi propost li numru ta' strutturi fid-depot jitħallew fil-post u ma jitwaqqgħux. Dawn il-pjanti ġodda huma skont studju/rapport ta' assessjar li ġie kummissjonat mill-applikant fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH). Peress li l-bord tal-awtorità wettaq l-evalwazzjoni ta' dan il-permess fuq iż-żarmar tad-depot fl-intier tiegħu, jekk l-applikant jiddeċiedi li jħalli xi binjiet jew strutturi fis-sit, trid tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida.

**26.05.04** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar ir-resurfacing tal-Bajja s-Sabiħa u toroq. Huwa xtaq aġġornament dwar is-sitwazzjoni fuq ir-road foundation u resurfacing tax-xatt, kif ukoll dwar liema toroq ħa jagħmlulna IM dis-sena. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill qed jistenna risposta mingħand WSC.

**26.05.05** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar il-bus shelters. Huwa xtaq aġġornament dwar iż-żewġ bus shelters li baqgħu żarmati fi Triq Ħal Far u Triq San Patrizju, u dwar il-ġodda li konna applikajna għalihom. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill għamel it-talba għalihom, iżda l-kunsillier inkarigat għadu ma ħax azzjoni u li mill-informazzjoni li għandu din hemm kwistjoni legali dwara. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fil-każ nieħdu parir legali dwarha. Saret proposta biex naraw jekk isirux bus shelters min-naħa tagħna però rridu naraw hux possibbli li jsiru u kif ukoll dwar permessi.

**26.05.06** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar id-dawl tax-xatt ta' San Ġorġ. Huwa xtaq aġġornament dwar il-problemi tad-dawl tax-xatt ta' San Ġorġ u dwar il-problema li dejjem isemmi l-kuntrattur: li ma jkunx jista' jidħol jixgħel l-MCBs. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hu tkellem mal-għaqda biex ineħħu kollox. Ġie deċiż li jsir katnazz mal-grada, fejn kopja taċ-ċwievet jingħataw biss lill-handyman, lill-kuntrattur u lill-foreman.

**26.05.07** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar l-internal memos. Huwa xtaq ikun jaf il-għala nqatgħet il-proċedura tal-internal memos. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li nbidlet ftit is-sistema imma għandna sistema tagħna. Se jkun ukoll qed jinħoloq WhatsApp group mal-uffiċjal li tieħu ħsieb il-korrispondenza sabiex il-kunsilliera jkunu infurmati minnufih ukoll jekk ikun hemm xi email urġenti jew ta' interess.

## 26.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqad il-konsulent tat-tenders is-Sur Chris Falzon u l-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**26.06.01** Is-Sur Chris Falzon ta spjegazzjoni fuq it-tender tal-vettura. Fil-qosor semma li l-Kunsill se jkun qed joħroġ talba għal vettura 5-seater, li taħdem bis-sistema hybrid, u l-budget huwa ta' €42,000. Il-perjodu mindu jingħalaq il-kuntratt sakemm tasal il-vettura huwa ta' 6 xhur. Il-kunsilliera preżenti qablu li mmexxu bil-proċess tat-tender.

**26.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Jannar 2026.

**26.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ltaqa' mal-kuntrattur tal-ġonna u għamlu pjan sal-aħħar ta' Frar, fejn ġew indirizzati ż-żona tal-Housing kollha u dik Tal-Papa u daru wkoll Triq l-Għannejja fil-Qajjenza. Il-pjan huwa li jibdew jitħawlu l-hedges u tibda l-preparazzjoni għall-Bajja s-Sabiħa u jibda l-proċess biex għas-sajf tibda t-tisqija kif suppost.

## 26.07 Korrispondenza

**26.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward l-agreement tal-Freeport, din ġiet diskussa iktar qabel fis-seduta.

**26.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-sound report se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**26.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għaddejja korrispondenza fuq il-fjakkolata dwar l-issue li qamet fl-aħħar seduta bejn iż-żewġ każini minħabba l-utilizzazzjoni tal-art għal waqt Ħamis ix-Xirka. Iż-żewġ għaqdiet kellhom jitkellmu bejniethom biex jintlaħaq kompromess li, sal-lum, baqa' ma wasalx. Il-Kunsillier Alex Caruana, fil-kapaċità ta' kunsillier, qal li qed iressaq proposta f'ismu kif jaħseb li din is-sitwazzjoni tiġi ratifikata. Wara diskussjoni twila bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li għandha tissejjaħ laqgħa ma' żewġ rappreżentanti minn kull każin fil-jiem li ġejjin sabiex isir qbil dwar din l-attività.

**26.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa għal talba biex issir dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt akkumpanjata bil-banda tal-istess għaqda fit-toroq ta' Birżebbuġa mis-17:45 sat-19:45. It-toroq huma Triq il-Knisja, Triq id-Duluri, Triq San Mikiel, Triq San Ġorġ, Triq San Pietru, Triq Żaren Dalli, u Misraħ il-Knisja. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera, din it-talba ġiet approvata imma subject to. Il-Kunsillier Alex Caruana astjena milli jivvota minħabba kunflitt ta' interess.

**26.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza għal talba mingħand 222 Events sabiex jorganizzaw kunċert b'risq Puttinu Cares fit-8 u 9 ta' Mejju 2026 bejn is-19:00 u l-23:00 f'Wied il-Buni. Dawn talbu wkoll l-assistenza tal-Kunsill sabiex jiġu provduti b'5 mobile toilets u refuse bins. Il-kunsilliera preżenti aċċettaw din it-talba.

**26.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Alex Caruana propona l-post fejn għandu jintrama l-presepju u għalhekk talbu sabiex jagħti spjegazzjoni. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-ġimgħa l-oħra ltaqa' mal-artist li se jaħdem il-presepju fuq il-pjazza u l-artist Manuel Grech issuġġerixxa li l-presepju jiġi mal-ġenb tal-knisja jħares 'il barra. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li għandna nagħmlu talba formali lill-parroċċa għall-użu taz-zuntier.

**26.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza fl-aħħar seduta mingħand persuna biex tarma xi affarijiet għat-tfal fuq ir-ramel. Din it-talba kellha terġa' tiġi diskussa wara li l-Kunsill talab għal iktar informazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li billi l-post huwa limitat, għandha tinħareġ espressjoni t'interess sabiex naraw kemm ikollna rispons u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jalloka l-postijiet għalihom. Huwa talab lill-Kunsillier Darren Mark Debono, responsabbli mill-kummerċ, sabiex jidentifika 3 żoni u jħejji pjanta tax-xatt, kif ukoll joħloq artwork għall-espressjoni t'interess. Ġie deċiż li se ninfurmaw lil din il-persuna li l-Kunsill se jistenna s'April sabiex naraw kemm ikun hemm rispons u wara nkellmuh bir-risposta.

**26.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-ġimgħa l-oħra kien hemm laqgħa mal-BASC. Min-naħa tagħhom qed jissuġġerixxu li nkomplu l-programm li nfetaħ fis-sajf, dik li jkun hemm żewġ lanes miftuħin għar-residenti. Dawn qed jissuġġerixxu nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn it-15:00 u l-16:00. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li din l-inizjattiva tiġi reklamata fuq il-midja soċjali tal-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jibgħat bil-miktub is-suġġeriment tal-Kunsill.

**27.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċieva korrispondenza mill-Għaqda Storja u Kultura fejn urew ix-xewqa li jtellgħu kunċert orkestrali fl-okkażjoni tal-knisja parrokkjali. Dawn talbu għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li jintalbu aktar dettalji qabel ma niddeċiedu.

**27.07.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li saret laqgħa mal-MFA minħabba l-issues li hemm fil-beach soccer ground. Huwa semma li hemm bżonn ta' upgrade fejn jidħol ir-ramel u l-manutenzjoni tal-ground. Waqt din il-laqgħa ġie suġġerit li jsir committee bejn l-MFA u l-Kunsill u ssir laqgħa kull xahrejn biex naraw l-aspett ta' xogħol li jrid isir u jkunu jistgħu jiġu pjanati aħjar l-upgrades tal-post u l-programm tal-attivitajiet li ġejjin fis-sajf.

## 26.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**26.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

## 26.09 Unaudited Financial Statements 2025

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**26.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq l-unaudited financial statements 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwarhom. Dawn ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti.

## 26.10 Rapport Amministrattiv u Finanzjarju 2025

**26.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport amministrattiv u finanzjarju 2025. Dan ġie approvat unanimament.

## 26.11 Festa Bengħajsa 2026

**26.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex issir laqgħa mill-bord tal-attivitajiet flimkien mal-kordinatur ta' Festa Bengħajsa nhar is-Sibt, 28 ta' Frar 2026, f'12:00. Il-laqgħa se ssir online.

## 26.12 Monti ta' Birżebbuġa

**26.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward il-monti. Huwa semma li biex dan jibqa' jsir fil-pjazza jrid isir risk assessment kif suppost. Huwa talab lill-Kunsillier Darren Mark Debono sabiex ir-rassenji tal-bejjiegħa jerġgħu jibdew jittieħdu. Temporanjament, il-monti se jsir fi Triq Żaren Dalli sakemm jiġu ssortjati l-affarijiet. Il-pjazza se sservi flok Triq il-Port Ħieles f'każ ta' ċaqliq u xogħlijiet ta' toroq. Irridu wkoll nitkellmu mal-perit sabiex ikun hemm proposal sewwa.

## 26.13 Attivitajiet u skemi

**26.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività tal-karnival intlaqgħet tajjeb ħafna.

**26.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività li jmiss tal-Kunsill se tkun l-Imdina Experience u se ssir fit-18 ta' Marzu.

**26.13.03** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li l-iskemi tal-karnival u tal-Milied għadhom qed jingħalqu. Hawn, il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li għall-Milied li ġej indaħħlu s-sehem tal-baned tal-lokal mill-aspett ta' banda jew servizzi mużikali. L-iskemi li għad iridu jsiru huma Festa Bengħajsa, Triq Żaren Dalli u x-xogħlijiet tal-Qajjenza. Semma wkoll li din is-sena se napplikaw għall-istess skemi li applikajna għalihom is-sena l-oħra.

## 26.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**26.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandu kunflitt t'interess f'pagament numru 21.

*Petty cash:*

**26.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 26.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**26.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:45 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________ | ___________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |